

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 165/2019**

tal-14 ta' Ġunju 2019

**li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2157]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE<sup>(1)</sup>, kif rettifikata permezz tal-ĠU L 102, 23.4.2018, p. 97, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2055 tat-23 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għar-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti marbuta mal-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà ta' provvista ta' servizzi tal-istituzzjonijiet ta' pagament<sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tħassar id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(3)</sup> li hija inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

**ADOTTA DIN ID-DECİJONI:**

**Artikolu 1**

L-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 14 (id-Direttiva 2013/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), fil-punt 31e (id-Direttiva 2022/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u fil-punt 31g (ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
  - “- **32015 L 2366:** Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35), kif irrettifikata permezz tal-ĠU L 102, 23.4.2018, p. 97.”
2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 15 (id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
  - “, kif emendat minn:
  - **32015 L 2366:** Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 18(4), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

- (i) il-kliem “it-13 ta’ Jannar 2018” għandhom jinqraw “id-data tad-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 165/2019 tal-14 ta’ Ġunju 2019”;

<sup>(1)</sup> ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35.

<sup>(2)</sup> ĠU L 294, 11.11.2017, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.

- (ii) il-kliem “sat-13 ta’ Lulju 2018” għandhom jinqraw “sa sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE Nru 165/2019 tal-14 ta’ Ġunju 2019”.
- (iii) il-kliem “sat-13 ta’ Lulju 2018” għandhom jinqraw “fi żmien sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE Nru 165/2019 tal-14 ta’ Ġunju 2019”.
3. It-test tal-punt 16e (id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jinbidel b'dan li ġej:
- “32015 L 2366:** Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).
- Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġej:
- (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta’ dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini ‘Stat Membru/Stati Membri’ u ‘awtoritajiet kompetenti’ għandhom jinfieha li qed jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fid-Direttiva, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.
  - (b) Referenzi għal atti oħra jn fid-Direttiva jaapplikaw sal-punt u l-mod li dawk l-atti jiġu inkorporati f'dan il-Ftehim.
  - (c) L-Artikolu 4(36) għandu jinqara kif ġej:
- “mikrointrapriża” tħisser intrapriża, li, fil-ħin tal-konklużjoni tal-kuntratt ta’ servizzi ta’ pagament, hija kwalunkwe entità involuta f’attività ekonomika, irrispettivament mill-forma legali tagħha. Din tħalli, b'mod partikolari, persuni li jaħdmu għal rashom u negozji tal-familja involuti fi snajja’ jew attivitajiet oħra, u sħubiji jew assoċċazzjonijiet involuti regolarmen f’attività ekonomika. Il-kategorija ta’ intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju (small and medium-sized enterprises, SME) hija magħmula minn intrapriżi li jħaddmu inqas minn 250 persuna u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 50 miljun, u/jew karta tal-bilanċ annwali b'total li ma jaqbiżx it-EUR 43 miljun. Fil-kategorija tal-SMEs, mikrointrapriża hija definita bħala intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali tagħha u/jew it-total tal-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma jaqbiżx iż-żgħix 2 miljun.”
- (d) Fl-Artikolu 26(1), il-kliem “il-banek ċentrali tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA” għandhom jiddaħħlu wara l-kelma “EBA”;
  - (e) Fl-Artikolu 27:
- (i) fil-paragrafu 1, il-kliem “jitolbu l-assistenza tagħha” għandhom jinbidlu bil-kliem “jitolbu l-assistenza tal-EBA jew tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ,”;
  - (ii) fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 2, il-kliem “jew l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ” għandhom jiddaħħlu wara l-kelma “EBA”;
- (f) Fl-Artikolu 30(3), il-kliem “jew l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ,” għandhom jiddaħħlu wara l-kelma “EBA”.
- (g) Fl-Artikolu 96(2), il-kliem “u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA” għandhom jiddaħħlu wara l-kliem “membri tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali”.
- (h) Fl-Artikolu 109, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

- (i) Fil-paragrafi 1 u 3, il-kliem “it-13 ta’ Jannar 2018” għandhom jinqraw “id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE Nru 165/2019 tal-14 ta’ Ġunju 2019”;
- (ii) fil-paragrafu 1, il-kliem “sat-13 ta’ Lulju 2018” għandhom jinqraw “fi żmien sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE Nru 165/2019 tal-14 ta’ Ġunju 2019”;
- (iii) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘sat-13 ta’ Jannar 2019 għandhom jinqraw ‘sa sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE Nru 165/2019 tal-14 ta’ Ġunju 2019”.

- (iv) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘sat-13 ta’ Jannar 2019’ għandhom jinqraw ‘fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE Nru 165/2019 tal-14 ta’ Ġunju 2019’;
- (v) fil-paragrafu 5, il-kliem ‘sat-13 ta’ Jannar 2020’ għandhom jinqraw ‘fi żmien sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE Nru 165/2019 tal-14 ta’ Ġunju 2019”.

4. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 16e (id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“16ea. **32017 R 2055:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2055 tat-23 ta’ Ġunju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għar-rigward ta’ standards tekniċi regolatorji għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti marbuta mal-eżerċizzju tad-dritt ta’ stabbiliment u l-libertà ta’ provvista ta’ servizzi tal-istituzzjonijiet ta’ pagament (ĠU L294, 11.11.2017, p. 1).”

#### Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva (UE) 2015/2366, kif irrettifikata permezz tal-ĠU L 102, 23.4.2018, p. 97 u tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2017/2055 bil-lingwa Iż-żiandija u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta’ Ġunju 2019, dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE \*.

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta’ Ġunju 2019.

Għall-Kumitat Kongħunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

---

(\*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.